MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Numru 693/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Jason Gauci**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Jason Gauci bin Saviour u Rose xebba Spiteri, imwieled Pieta’ fis-17 t’ Ottubru, 1973, residenti fil-fond Blokk B2, Flat 9, Pjazza Madonna ta’ Fatima Pieta’ u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 481373M.

1. Akkuzat talli mill-fond 'St Joseph Band Club' fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, matul il-lejl ta' 14 t' April, 2009, f' hin mhux maghruf ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disghin u erbgha u ghoxrin centezmu (Eur2390.24c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Kazin ta' Banda San Guzepp, Hamrun u/jew terzi persuna/i ohra (ai termini ta' Art.261(b)(c)(f), art.263(a), art.267, art.270 tal-Kap.9 tal-Ligi ta' Malta)
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg mnisruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat jew b' kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom (ai terimini ta' Art.334 tal-Kap.9 tal-Ligi ta' Malta)
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi Euro 116.47c ghad-dannu ta' Kazin ta' Banda San Guzepp, Hamrun u/jew terzi persuna/i ohra (ai termini ta' Art.325(b) tal-Kap 9 tal-Ligi ta' Malta)
4. Akkuzat ukoll talli mill-fond 'Hamrun Spartans Football Club' Triq Schembri Hamrun, matul il-lejl ta' 25 t' Awwissu 2009, f' hin mhux maghruf ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq jeccedi l-ammont ta' mitejn, tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Eur 232.94c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' 'Hamrun Spartans Football Club', Hamrun u/jew terzi persuna/i ohra (ai termini ta' Art.261(b)(c), art263(a), art.267, art,270 tal-Kap.9 Ligi ta' Malta)

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa ghadu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat jew b’ kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom (ai termini ta’ Art.334 tal-Kap. 9 tal-Ligi ta’ Malta)
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47c ghad-dannu ta’ ‘Hamrun Spartans Football Club’, Hamrun u/jew terzi persuna/i ohra (ai termini ta’ Art.325(b) tal-Kap 9 tal-Ligi ta’ Malta)
7. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 Ligi ta’ Malta)

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-27 ta’ Novembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu li llum il-gurnata l-imputat irriforma ruhu u qabad it-triq it-tajba u li ghalhekk ‘l iktar piena idoneja hija piena karcerarja sospiza.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 izda mhux ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali skond kif jirrizulta mill-fedina penali nserita a fol 4 tal-atti processwali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279, 280, 325, 17, 49 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba’, is-sitt u s-seba’ imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat kif minnu ammessi u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigi sospizi ghall-perjodu ta’ tmintax (18) –il xahar millum.  Stante li t-tieni u l-hames imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel u ghar-raba’ mputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------